StudentBounty.com

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2012

IL-ĦAMES SENA　　MALTI　　ĦIN: SIEGĦA U KWART

Isem: ______________________________ Klassi:______________

| | Il-Qari u l-Kitba |
|---|---|
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marka tal-istudent/a** | |

**Għall-istudent/a**

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u kunjomok kif ukoll il-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb. Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.





www.StudentBounty.com

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:**

## L-Ewwel parti

In-nannu Salvu fettillu jrabbi kelba. Sab waħda minn dawn tat-toroq, kelba mitluqa barra u ma jridha ħadd. Ġabarha minn ħdejn il-bandli. Ħadha miegħu d-dar, dewwieha, taha x'tiekol u x'tixrob u ħasilha ħasla ħaslun. Semmieha Tikka għax kienet kelba daqs naqra. *(par.1)*

It-Tikka kienet kelba intelliġenti u kienet tobdi kull kmand li kien jagħtiha n-nannu. Imma ħej … din it-Tikka kellha difett wieħed: kienet tħobb tinbaħ. Kienet tinbaħ għal kull ħaġa ta' xejn, għal kull ħaġa li kienet tara tiġri jew tiċċaqlaq. *(par. 2)*

Mela, maġenb fejn joqgħod in-nannu, bena d-dar tiegħu sinjur imdaħħal fiż-żmien. Kien nervuż u kemm-il da jgħajjat mat-tfal li kienu jilagħbu ħdejn id-dar tiegħu. C tat-Tikka dejqu mhux ftit. *(par. 3)*



Darba dan l-avukat mar għand in-nannu u qallu, 'Ara x'ħ il-kelba tkompli tinbaħ se mmur nirrapportak lill-pulizija. Ara x'se tagħmel biha!' *(par. 4)*

In-nannu wieġbu, 'Xi tridni nagħmel! Il-kelba tiegħi dak il-gost tagħha li tinbaħ.' *(par. 5)*

'U lili ttellifli l-irqad,' wieġbu bil-herra l-avukat, u telaq. *(par. 6)*

## It-Tieni parti

Lejl minnhom waqt li n-nannu kien rieqed, it-Tikka marret tiġbidlu l-kutri. Xegħel id-dawl u t-Tikka nebħet tnejn, kważi minn taħt l-ilsien. *(par. 7)*

'Tinbaħx Tikka, tinbaħx', ħatafha n-nannu Salvu. 'Mela trid tqajjem lill-avukat?' *(par. 8)*

It-Tikka baqgħet tinbaħ. In-nannu ttawwal mit-tieqa. Berraq għajnejh għax li ra m'għoġbu xejn. Kien hemm żewġ ħallelin jippruvaw jidħlu fid-dar tal-avukat.' *(par. 9)*

In-nannu fetaħ il-bieb u lit-Tikka qalilha: 'Issa inbaħ kemm trid.' *(par. 10)*



www.StudentBounty.com

Kif semgħu l-inbiħ, il-ħallelin tfixklu u wieħed minnhom waqa' minn fuq iċ-ċint tal-ġnien u beda jgħajjat bl-uġigħ. Infetħet it-tieqa tas-sinjur u nstema' jgħajjat: 'Issa ż-żejjed Salv, għada mmur għand il-pulizija.' *(par. 11)*

'Jaqbillek tmur issa stess,' wieġbu n-nannu Salvu. 'Għandek il-ħallelin li kienu se jisirquk. Imnalla kienet it-Tikka tiegħi li ndunat bihom għax kienu se jġorruk ħaj.' *(par. 12)*

Tistgħu taħsbu kif iċċassa dak l-avukat meta sar jaf bl-istorja kollha. Talab skuża lin-nannu u minn dakinhar ma naqasx li jġib xi ħaġa tal-ikel għat-Tikka. *(par. 13)*

| TAQSIMA A: | IL-QARI | 30 marka |
|---|---|---|

**1. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

a. In-nannu Salvu sab lit-Tikka ħdejn (l-iskola, il-bandli, il-ġnien).

**(marka)**

b. Kienu (żewġ, tliet, erba') ħallelin li ppruvaw jisirqu lill-avukat.

**(marka)**

**2. Aqra s-sentenzi u wara agħmel sinjal (X) fil-kaxxa taħt VERU jew FALZ.** (½ **marka kull waħda)**

| | | VERU | FALZ |
|---|---|---|---|
| Eż: | It-Tikka kienet kelba tar-razza. | | X |
| 1. | In-nannu semma l-kelba Tikka għax kienet żgħira. | | |
| 2. | It-Tikka kienet tħobb tinbaħ ħafna. | | |
| 3. | L-avukat kien iħalli lit-tfal jilagħbu wara biebu. | | |
| 4. | L-avukat kien jieħu gost meta jisma' t-Tikka tinbaħ. | | |
| 5. | L-avukat ried jirrapporta lin-nannu Salvu. | | |
| 6. | Il-ħallelin kienu deħlin jisirqu lill-avukat mill-kamra tas-salott. | | |



www.StudentBounty.com

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet f'sentenzi sħaħ.**

a. X'għamel in-Nannu bil-kelba wara li ġabarha u ħadha miegħu d-dar?

______________________________________________________

______________________________________________________

**(2 marki)**

b. **Mit-tieni paragrafu** ikkopja sentenza li turi li l-kelba kienet kelba li titgħallem malajr.

______________________________________________________

______________________________________________________

**(2 marki)**

ċ. Semmi żewġ affarijiet mis-silta li juru li l-avukat kien bniedem nervuż.

(i) ________________________________________________

(ii) ________________________________________________

**(2 marki)**

d. Għaliex l-avukat kien se jirrapporta lin-nannu lill-pulizija?

______________________________________________________

______________________________________________________

**(2 marki)**

e. Agħti żewġ raġunijiet għala taħseb li t-Tikka ġibdet il-kutri tan-nannu.

(i) ________________________________________________

(ii) ________________________________________________

**(2 marki)**

f. Semmi żewġ affarijiet li għamel l-avukat biex juri li ddispjaċieh.

(i) ________________________________________________

(ii) ________________________________________________

**(2 marki)**



www.StudentBounty.com

**4. F'din it-tabella għandek issib xi espressjonijiet mis-silta u t-tifsiriet li huma mħawdin. Qabbel l-espressjoni mat-tifsira permezz tal-ittri. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

| | **Espressjoni** | | **Tifsira** |
|---|---|---|---|
| a. | daqs naqra *(par. 1)* | | jisirquk bla ma tinduna |
| b. | imdaħħal fiż-żmien *(par. 3)* | | kellmu bir-rabja |
| ċ. | wieġbu bil-herra *(par. 6)* | a. | żgħira ħafna |
| d. | iġorruk ħaj *(par. 12)* | | anzjan |

**(marka kull waħda = 3 marki)**



**5. Ikteb in-numri mit- 2 sal-5 fil-kaxxi sabiex tirranġa dawn is-sentenzi fl-ordni ta' kif ġraw fl-istorja li qrajt. L-ewwel waħda hija lesta.**

| | |
|---|---|
| | Il-ħallelin tfixklu kif semgħu l-inbiħ tal-kelba. |
| | L-avukat talab skuża lin-nannu. |
| | In-nannu qam u sikket lit-Tikka |
| | In-nannu Salvu qal lill-avukat li kellu l-ħallelin. |
| **1.** | It-Tikka marret tqajjem lin-nannu Salvu. |
| | In-nannu Salvu qal lill-avukat li kellu l-ħallelin. |

**(5 marki)**



www.StudentBounty.com

7. Ħares sew lejn l-istampa **PERIKLU FIT-TRIQ** u wara aqra s-sentenzi dwarha.

**PERIKLU FIT-TRIQ**




Imm

| | | | | afx |
|---|---|---|---|---|
| 1. | | | | |
| 2. | | | | |
| 3. | | | | |
| 4. | | | | |
| 5. | l-kelb. | | | |
| 6. | Żewġ żgħażagħ qed iħarsu lejn vetrina ta' ħanut. | | | |
| 7. | Il-ħanut ibigħ il-kotba. | | | |
| 8. | Tifel qed jgħin lil waħda anzjana taqsam it-triq. | | | |
| 9. | Iż-żgħażagħ qed jitkellmu dwar il-mużika. | | | |
| 10. | Il-kelb qed jaqsam it-triq bil-mod. | | | |

**(10 X ½ marka = 5 marki)**

| TAQSIMA B: | IL-KITBA | 30 MARKA |
|---|---|---|

1. Ser issir attività fl-iskola bit-titlu **ĦBIEBNA L-ANNIMALI**. Ikteb avviż sabiex jitqassam lill-istudenti u lill-ġenituri. Ikteb dan l-avviż bid-dettalji meħtieġa billi tuża l-ispazju t'hawn taħt.

Attività: ______________________________



www.StudentBounty.com

Meta, fejn u l-ħin:

Kelliem/a:

X'ser ikun hemm ta' interess:

Min hu mistieden:

**(5 marki)**

2. F'mhux aktar minn 50 kelma iddeskrivi ġeru li ntilef. Ikteb avviż biex tgħin lis-sid isibu.

Il-punti mogħtija biex jgħinuk:



- Isem il-ġeru
- Id-dehra tal-ġeru (mhux bilfors bħall-istampa)
- Xi affarijiet li għandu l-ġeru
- Il-karattru tal-ġeru
- X'għandu jagħmel min isibu



www.StudentBounty.com

**ĠERU MITLUF**

(5 marki)

**3.** Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma fuq wieħed minn dawn. **(20 marka)**

**A. Irrakkonta l-ġrajja bil-għajnuna tal-istampi u għid kif taħseb li spiċċat l-istorja.**




www.StudentBounty.com

**B.** Ikteb storja li tibda b'dan il-kliem:
**Marjo waqaf iħares lejn il-bieb. F'daqqa waħda l-bieb bed jinfetaħ bil-mod il-mod iżaqżaq. Marjo ħa nifs kbir u daħa ġewwa ….**



**Ċ.** **Pajjiż li nixtieq inżur.**
(Semmi l-pajjiż li fih tixtieq tmur. Għaliex tixtieq tmur hemm? X'tixtieq tara f'dan il-pajjiż? X'tagħmel jekk tmur f'dan il- pa



**D.** **In-nannu/a favorit/a tiegħi.**
(Iddeskrivi n-nannu/a favorita tiegħek. X'tip ta' karattru għandu/ha? Għaliex tieħu gost miegħu/magħha? X'hemm daqshekk speċjali fin-nannu/nanna tiegħek?)



Spazju jekk trid tagħmel il-pjan tal-komponiment tiegħek. (bla marki)

Komponiment ittra: ______ (A, B, Ċ jew D)



www.StudentBounty.com

www.StudentBounty.com

TMIEM IL-KARTA



www.StudentBounty.com